MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2012

Numru 718/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri**
**Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo ta’ hamsa u tletin (35) sena, bin Emmanuel Anthony Carmel Gejtan u Lois Anna Marie neè Robicheau, imwieled Wales fil-11 ta’ Settembru 1976 u residenti 10, Triq Matty Grima, Bormla, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 18087(M) talli:

1. Fl-14 ta' Lulju 2012 ghall-habta ta' 18:20hrs minn gewwa l-Iskola Primarja A li tinsab gewwa Triq il-Kitba, Fgura, flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat tal-computer u zewg projectors liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara fl-istess apparat, liema hsarat huma ta' anqas minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) [hamsin Lira Maltija] ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i ohra;
3. Ukoll talli huwa sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament: (i) estratt mic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat immarkat Dok. "JV1"; (ii) il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "JV2"; (iii) stqarrija rilaxxjata mill-imputat markata Dok. "JV3"; (iv) Dikjarazzjoni ta' Rifjut ta' Jedd ghall-Parir Legali markata Dok. "JV4"; u (v) rapport tal-Pulizija dwar il-kaz markat Dok. "JV5";

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ssib lill-istess imputat hati ta’ l-akkuzi hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati ammessi mill-imputat, il-fedina penali ta’ l-imputat izda anke l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 31, 261, 263, 267, 269, 280(2), 289 u 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ittenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin habs effettiv.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta’ Kordin biex jghin lill-imputat jindirizza l-problema tal-vizzju tad-droga li ghandu.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------